SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV

Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033
Tel: 21373111 Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 10/KA1/11

**Nru tal-laqgħa minn 12/07/'10 – 21/03/'11 10**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 21/03/'11 11**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-laqgħa li saret nhar it-Tnejn 21 ta' Marzu 2011.

1.02 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, Triq Forrest, San Ġiljan, fis-6.00 p.m.

1.03 Preżenti: Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Membru Joseph Oliva
Membru Carmel Agius

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar.

1.04 Assenti: Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca
Il-Membru Karl Consiglio

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- (1).

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kumitat mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-16 ta' Marzu 2011. l-Aġenda kienet hekk:

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Ħinijiet tal-laqgħa
4. Komunikazzjoni miċ-Chairman
5. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
6. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni tal-Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 09/KA1/11 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Membru Joseph Oliva ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

1.3.03 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

1.3.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

**2. Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| Rif. Nru. | Korrispondenza |
|---|---|
| P108 | Ittra mingħand it-Transport Malta rigward *Communal Parking for Blue Sticker Badge Holders* fi Triq Gort. |
| P109 | Ittra mingħand it-Transport Malta rigward Reserved Parking fi Triq Gort. |
| P116 | Email mingħand David Soler bir-rapporti ta' ċitazzjonijiet li ngħataw Paceville. |

**3 Ħinijiet tal-laqgħa**

3.01 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li l-ħin li ssir il-laqgħa tal-kumitat mhux konvenjenti għal membri kullħadd. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li l-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv Paceville tibda ssir l-aħħar Tnejn tax-xahar, qabel il-laqgħa tal-Kunsill, f'nofsinhar. Dan japplika kemm għas-Sajf kif ukoll għax-Xitwa.

**4 Komunikazzjoni miċ-Chairman**

4.01 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Onorevoli Ministru George Pullicino u lill-Awtorita' tat-Turiżmu biex jiġu nstallati *surveillance cameras* f'Paceville minħabba li ilu jsir ħafna abbuż ta' rimi ta' materjal u skart ġo Paceville. Refer to KA0071204-08801411-MM

5 **Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

5.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'A').

5.02 Il-Membru Carmel Agius ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.

5.03 Il-Membru Joseph Oliva ssekondah.

5.04 Il-Kumitat qabel unanimament.

6 **Approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets**

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 58 sa 62 għall-approvazzjoni. (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Rigward Request Sheet Nru. 61 ġie deċiż unanimament li qabel issir jiġi vverifikat jekk hemmx permess għar-*Reserved Parking Bay* mit-Transport Malta. Refer to Inc. P109/11 – Not approved by TM

6.03 Il-Membru Joseph Oliva ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 58 sa 62

6.04 Il-Membru Carmel Agius issekondah.

6.05 Il-Kumitat qabel unanimament.

6.06 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fis-7.10 p.m.

**Richard Scicluna**
**Chairperson**
23/5/11

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**